# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju 2019**

**Numru 3**

**Rikors maħluf numru 1063/2006 AE**

**Emerenziana Bugeja**
***v.***
**Joseph Muscat u Letizia Scicluna**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-konvenuti biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tas-26 ta' Mejju 2017, wara li titħassar dik is-sentenza għax igħidu illi s-sentenza applikat il-liġi ħażin, ingħatat fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba, tat iżjed minn dak li ntalab u fiha disposizzjonijiet kontra xulxin (art. 811 para. (*e*), (*f*), (*g*) u (*i*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Il-fatti relevanti huma dawn: l-attriċi tgħid illi għandha jeddijiet fuq proprjetà immobbli u li l-konvenuti fixkluha fit-tgawdija ta' dawn il-jeddijiet. Għalhekk fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:

»1. tiddikjara li l-aġir tal-intimati fir-rigward tal-ingombri messi [*sic*] minnhom fuq l-istrixxa art *ossia* passaġġ bi dħul għalih minn Triq Stella Maris, San Pawl il-Baħar, minn liema passaġġ *ossia* biċċa art ir-rikorrenti taċċedi għall-fond proprjetà tagħha numru 17, u fuq il-parapett li jinstab quddiem il-fond tar-rikorrenti u li jestendi quddiem il-fondi bin-numru 14 u 15 biswit l-istess fond numru 17, huwa wieħed abbużiv u illegali fil-konfront tar-rikorrenti;

»2. tordna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju fissat minn din l-onorabbli qorti jiżgombraw l-istrixxa art *ossia* passaġġ u l-parapett in kwistjoni mill-ingombri messi u esegwiti minnhom;

»3. konsegwentement tikkundannahom sabiex jirredintegraw lir-rikorrenti fil-pussess tal-imsemmija strixxa art *ossia* passagg u l-parapett in kwistjoni;

»4. tawtorizza lir-rikorrenti, okkorrendo permezz u taħt is-superviżjoni ta' periti nominandi, tesegwixxi l-istess xogħlijiet kontenuti fil-preċitati talbiet hija stess a spejjeż tal-intimati f'każ li ż-żmien konċess lill-istess intimati jgħaddi inutilment.«

3. B'sentenza tas-7 ta' Jannar 2013 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, wara li qieset illi l-azzjoni tal-attriċi hija *actio manutentionis*, u li l-qorti ma kinitx sodisfatta illi l-attriċi kellha pussess tal-beni li dwarhom saret il-kawża, ċaħdet it-talbiet tal-attriċi. L-attriċi appellat[1] u din il-qorti, b'sentenza tas-26 ta' Mejju 2017 [is-sentenza attakkata] laqgħet l-appell, ħassret is-sentenza tal-ewwel qorti u laqgħet it-talbiet tal-attriċi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»L-ewwel qorti korrettement ikklassifikat l-azzjoni odjerna bħala l-azzjoni hekk imsejjha *manutentionis* ossija dik kontemplata fl-artikolu 534 tal-Kodiċi Ċivili. Dan jgħid hekk:

»"Kull min ikun jinstab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' ħaġa immobbli jew ta' universalità ta' ħwejjeġ mobbli, jista', fi żmien sena mill-molestja, jitlob li jinżamm f'dak il-pussess basta li ma jkunx ħa b'idejh il-pussess mingħand il-konvenut bi vjolenza jew bil-moħbi, jew ma jkunx kiseb mingħandu dak il-pussess b'titolu prekarju."

»Din l-azzjoni għandha erba' elementi:

»1. il-pussess ta' ħaga immobbli jew ta' universalità ta' ħwejjeġ mobbli;

»2. il-molestja f'dak il-pussess;

»3. l-azzjoni trid tiġi dedotta fi żmien sena mill-molestja;

[1] Sar ukoll appell inċidentali mill-konvenuti li ġie miċħud, iżda dak l-appell ma huwiex relevanti għall-għanijiet tal-proċeduri ta' ritrattazzjoni.

»4. li l-attur ma jkunx ħa l-oġġett bi vjolenza jew bil-moħbi mingħand il-konvenut.

»… … …

»L-ewwel qorti waslet għall-konklużjoni illi l-atturi ma kellhomx il-pussess kif rikjest f'din l-azzjoni u allura ma indagatx iktar. Għalhekk din il-qorti l-ewwel trid tara jekk taqbilx ma' din il-konklużjoni. Apparti l-kostatazzjonijiet legali ta' x'jikkostitwixxi pussess *ai fini* ta' din l-azzjoni, il-fatt li l-appellanti hija sid tal-proprjetà ma jfissirx li hija possessura tal-proprjetà in kwistjoni. Dwar l-element ta' "pussess", din giet studjata mill-onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza Vella *v.* Boldarini, deċiza fl-24 ta' Frar 1967. F'dik il-kawża l-onorabbli qorti tat interpretazzjoni wiesgħa tar-rekwizit tal-pussess, u osservat li fis-sistema tal-liġi tagħna il-vizzju tal-prekarjetà jeskludi l-azzjoni biss meta jkun fil-konfront tal-konvenut, u osservat li dan jirriżulta ċar mill-kliem "mingħandu" fl-aħħar tal-artikolu. Dik l-onorabbli qorti qalet ukoll li dik kienet l-intenzjoni ċara tal-leġislatur kif jirriżulta min-noti ta' Sir Adrian Dingli dwar dan l-artikolu stess li jagħmlu enfasi fuq is-sopressjoni tal-kelma "leġittimu" li kienet tinsab fil-kodiċi Taljan relattivament għall-pussess mantenibbli (ara Lanfranco *v.* Falzon, Qorti tal-Appell, 25 ta' Mejju 2005).

»L-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha mogħtija fl-ismijet Arrigo *v.* Anastasi mogħtija fit-3 ta' Ġunju 1959 osservat illi "hu manifest li l-azzjoni esperita mill-attur mhix dik li toħroġ mid-disposizzjoni tal-liġi riferita li hija mogħtija biss fis-sens proprju u strett ta' detenzjoni *animo domini …* u dan għaliex l-attur ma għandux, u lanqas ma jippretendi li għandu, pussess simili, u ma bbażax l-azzjoni fuq dak il-pussess …". Din hija fuq kollox waħda mid-distinzjonijiet bejn din l-azzjoni u dik ta' spoll.

»Għandu jingħad li dan jikkontrasta mad-definizzjoni li tat il-Qorti tal-Appell fl-1967 fil-kawza li għal żmien twil kienet ikkonsidrata *leading case* dwar l-azzjoni in kwistjoni ossija l-kawża ġà msemmija fl-ismijiet Vella *v.* Boldarini li kienet straħet fuq il-kliem 'ta' liema xorta jkun'. Hu x'inhu fil-każ odjern l-attriċi mhijiex inkwilina iżda s-sid u allura żgur li dan l-insenjament fir-rigward ma japplikax għaliha. Hemm biss ċerta rilevanza għall-każ odjern għaliex l-ewwel qorti waslet għall-konklużjoni tagħha għaliex fil-fehma tagħha l-attriċi appellanti ma kenitx tkun regolarment fil-fond in kwistjoni u allura ma kellhiex il-pussess rikjest mill-artikolu msemmi tal-ligi. Madankollu, anke fl-istess sentenza Vella *v.* Boldarini l-attriċi kienet irnexxiet fil-kawża tagħha bħala sid fil-konfront tal-istess inkwilini u dan għaliex il-fatt li s-sid ikun qed jirċievi kera (jew il-qbiela f'dan il-każ) hija mingħajr dubbju ta' xejn manifestazzjoni esterna ta' pussess: "*il possesso è definito come un potere sulla cosa che si manifesta in un' attività corrispondente all'esercizio del diritto di prorpietà o di un altro diritto reale*" – Trabucchi – *Istituzioni di Diritto Civile*, paġna 455), Torrente (*Manuale di Diritto Privato* – 1985) jgħid illi "*La detenzione – che è la situazione possessoria base – consiste nell' avere la disponibiltà di una cosa, ossia nell' avere la disponibilità di utilizzarla tutte le volte ċhe si voglia, senza bisogna di superare ostacoli seri e duraturi …*". Għalhekk ma jibqa' ebda dubbju li l-atturi kienu pussessuri tal-proprjetà in kwistjoni fis-sens legali tal-pussess kif spjegat fil-Kodiċi Ċivili stess fl-artikoli 524 *et seq*.

»… … …

»Jidher li l-ewwel qorti waslet għall-konklużjoni tagħha fuq żewġ punti u *cioè* li, skont hi, l-appellanti ma kellha ebda pussess kif spjegat ta' xi servitù ta' passaġġ mill-istrixxa art li l-konvenuti appellati ċċirkondaw b'hajt tal-*bricks* u lanqas tal-parapett li jikkonfima mad-dar numru 15. Hija qalet li d-deposizzjonijiet tax-xhieda tal-appellanti kompriż tagħha stess ma humiex biżżejjed biex wieħed jasal għal konklużjoni li hija kellha l-pussess rikjest minn din l-azzjoni għaliex xhieda prodotti mill-konvenuti kkontradiċew dan għax qalu li huma qatt ma rawha teżerċita dan il-pussess.

»Din il-qorti ma tasalx għal din l-istess konkluzjoni. L-appellanti, fi kliem l-istess qorti, ipprovat li hi u żewġha llum mejjet kellhom il-pussess xi darba iżda ma kenitx sodisfatta li dan il-pussess ipperdura saż-żmien illi nfetħet il-kawża. Madankollu fil-waqt li huwa minnu li xhieda prodotti mill-konvenuti appellati qalu li qatt ma rawha fuq il-post, ebda prova ma nġiebet li dak il-pussess appuntu li kellha l-appellanti ġie mibdul f'abbandun ta' dak il-pussess jew li addirittura xi ħadd iehor spussessaha (naturalment qabel l-intervent tal-appellati li dwaru saret il-kawża). Fuq dan l-aspett jaqblu l-awturi – per eżempju Baudry – "*il possesso legale di un immobile una volta acquistato si conserva colla sola intenzione del possessore, per tutto il tempo nel quale non ha subito interruzione proveniente da terzo o finché non sia stato volontariamente abbandonato*".

»Anzi deposizzjoni ta' membri tal-familja tal-appellanti xehdu li dak il-parapett u l-art imsemmijin kienu jintużaw mill-appellanti u l-familja tagħha biss … … … Fil-fehma tal-qorti nġabu bizzejjed provi li l-appellanti kellha l-pussess kif deskritt minn Torrente aktar qabel; hija kellha l-fakoltà li tagħmel użu minn dawk l-ambjenti *sia pure* ma kenitx teżerċita dik il-fakoltà kontinwament għaliex il-fond kien jintuża bħala villeġġjatura u mhux bħala residenza permanenti tagħha u tal-familja iżda meta riedet setgħet teżerċita dak il-pussess. Dan naturalment ma jimplika ebda dritt ta' proprjetà għaliex mhux xogħol din il-qorti tagħmel din l-investigazzjoni f'kawża possessorja. Anke l-fatt li l-fond tal-appellanti għandu aċċess separat mhux rilevanti – dan ma jfissirx lanqas li din il-qorti qed tiddikjara li l-parapett huwa tal-appellanti. Li hu żgur li l-appellati ma ressqu ebda prova konvinċenti li l-appellanti f'xi waqt partikolari rrilaxxat il-pussess tagħha.

»… … …

»Fir-rigward tat-tieni rekwiżit ossija dak tal-molestja ma hemm ebda dubbju li dan ġie kommess mil-konvenuti bl-azzjonijiet deskritti fir-rikors promotur – fil-fatt huma ma ċaħdux dan lanqas fir-risposta tagħhom. Huma qed igħidu li ma itturbaw ebda pussess bl-azzjonijiet tagħhom u jixħtu dubbju fuq it-titolu tal-appellanti; madankollu din hija kawża possessorja u għalhekk kull ma hu meħtieġ huwa l-pussess u n-nuqqas tal-interruzzjoni tal-pussess. Huwa minnu li l-azzjoni *manu-tentionis* hija kawża intiża għall-konservazzjoni tal-pussess (differente-ment mill-*actio spolii* li hija intiża għar-redintegrazzjoni); madankollu sservi wkoll biex dak il-pussess li jkun gie interrott mill-konvenut/i jiġi eżerċitat għal kif kien qabel. "L-azzjoni hi immirata biex jigi redintegrat … l-istat tad-dritt billi min kien responsabbli biex jiddisturba l-i*status quo* vjolentement, abużivament jew klandestinament jiġi kundanat li jqiegħed kollox kif kien qabel bħala pre-rekwisit għall-indaġini dwar id-

> drittijiet reċiproċi bejn il-litiganti". (Carmen Dalli *v.* Anthony Laferla – Appell, 6 ta' Ottubru 1999). Ma hemmx dubbju li l-konvenuti bl-azzjonijiet tagħhom iddisturbaw l-i*status quo ante* fl-ambjenti in kwistjoni.
>
> »Fil-fehma tal-qorti lanqas ma hija kwistjoni dibattibbli f'din il-kawża jekk l-azzjoni saritx *entro* t-terminu ta' sena għaliex fl-istess risposta tal-appellati għar-rikors promotur huma eċċepew it-trapass ta' xahrejn (rilevanti f'azzjoni ta spoll) billi qalu li x-xogħlijiet lamentati mill-appellanti saru f'Lulju 2006 – il-kawża ġiet isititwita f'Novembru tal-istess sena u kwindi l-kawża ġiet intavolata *entro* s-sena indikata mill-artikolu 534.
>
> »Dwar l-ahhar rekwiżit u *cioè* li l-atturi ma ħadux il-pussess mingħand il-konvenuti ma hemm ebda kontestazzjoni – dawn tal-aħħar infatti akkwistaw l-ambjenti tagħhom riċentement – u għalhekk l-erba' rekwiżiti jissussistu u t-talbiet attriċi jimmeritaw li jiġu akkolti.
>
> »Il-qorti għalhekk … tilqa' l-appell prinċipali billi tilqgħu, tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet kif dedotti; tipprefiġġi terminu ta' xahrejn fir-rigward tat-tieni talba u tinnomina l-AIĊ Valerio Schembri biex jissorvelja x-xogħlijiet neċessarji f'kull każ. Spejjeż kollha tal-kawża a kariku tal-konvenuti appellati.«

4. B'rikors tal-14 ta' Awissu 2017 il-konvenuti talbu li l-appell jinstema' mill-ġdid wara li titħassar is-sentenza attakkata għax igħidu illi dik is-sentenza applikat il-liġi ħażin, ingħatat fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba, tat iżjed minn dak li ntalab u fiha disposizzjonijiet kontra xulxin (art. 811 para. (*e*), (*f*), (*g*) u (*i*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). L-attriċi wieġbet fis-16 ta' Novembru 2018 u qalet li t-talba tal-konvenuti għandha tiġi miċħuda.

5. L-ewwel aggravju tal-konvenuti kontra s-sentenza attakkata huwa msejjes fuq il-para. (*i*) tal-art. 811, għax igħidu illi fis-sentenza "hemm disposizzjonijiet kontra xulxin".

6. Id-disposizzjonijiet fis-sentenza attakkata li l-konvenuti jgħidu li huma kontra xulxin huma dawn:

> » L-appellanti, fi kliem l-istess qorti, ipprovat li hi u żewġha llum mejjet kellhom il-pussess xi darba iżda ma kenitx sodisfatta li dan il-pussess ipperdura saż-żmien illi nfetħet il-kawża.«

u

> »Madankollu fil-waqt li huwa minnu li xhieda prodotti mill-konvenuti appellati qalu li qatt ma rawha fuq il-post, ebda prova ma nġiebet li dak il-pussess appuntu li kellha l-appellanti ġie mibdul f'abbandun ta' dak il-pussess jew li addirittura xi ħadd iehor spussessaha «

7. Il-konvenuti jfissru hekk fejn jaraw dan il-konflitt:

> »Konsegwentement hemm kunflitt fejn l-onorabbli qorti f'nifs wieħed:
>
> »- qed tammetti li għalkemm xi darba l-appellanti kellha pussess, *ossia* żmien ilu fi żmien żewġha li llum huwa mejjet, u li dan l-pussess ma pperdurax saż-żmien li nfethet il-kawża, però sostniet [illi] ma nġiebet ebda prova li ġiet spussessata minn dan il-pussess (*nonostante* dak li xehdu x-xhieda tal-appellati li qatt ma rawha fuq il-post). Però bħala fatt il-Qorti tal-Appell aċċettat il-verżjoni li l-appellanti ma resqitx fuq il-post għal żmien konsiderevoli, imma sostniet li ma ġietx spussessata;
>
> »- sussegwentement ghal dan tikkwota il-Baudry u ssostni li dan il-pussess jista' jiġi volontarjament abbandunat.«

8. Din il-parti tal-aggravju hija frivola għall-aħħar. Fis-sentenza attakkata l-qorti ma qalitx illi "dan il-pussess ma pperdurax saż-żmien li nfethet il-kawża"; li qalet hu illi l-ewwel qorti "ma kenitx sodisfatta li dan il-pussess ipperdura saż-żmien illi nfetħet il-kawża". Il-qorti fis-sentenza ma qablitx ma' din il-konklużjoni tal-ewwel qorti u qalet, minflok, illi "ebda prova ma nġiebet li dak il-pussess appuntu li kellha l-appellanti ġie mibdul f'abbandun ta' dak il-pussess jew li addirittura xi ħadd iehor spussessaha … … … Li hu żgur li l-appellati ma ressqu ebda prova konvinċenti li l-appellanti f'xi waqt partikolari rrilaxxat il-pussess tagħha". Il-fatt biss li ma jsirux atti tal-pussess għal xi żmien ma jfissirx illi l-pussess ġie abbandunat, għax il-pussess jista' jinżamm *solo animo*. Il-fatt illi "l-pussess jista' jiġi volontarjament abbandunat" ma jfissirx illi ġie volontarjament abbandunat f'dan il-każ, u l-qorti, la ma tressqet quddiemha ebda prova li tista' toqgħod fuqha illi kien hemm l-abbandun, ikkonkludiet li abbandun tal-pussess ma kienx hemm.

9. Għalhekk ma hemm ebda inkonsistenza f'dawn iż-żewġ siltiet tas-sentenza ċitati mill-konvenuti.

10. Il-konvenuti jaraw ukoll inkonsistenza oħra li jfissruha hekk:

> »Illi *di più* hemm disposizzjonijiet oħra kontra xulxin għaliex filwaqt li l-Qorti tal-Appell iddeċidiet li ġie sodisfatt il-kriterju ta' pussess fl-ambitu tal-*actio manutentionis* – "il-pussess ta' ħaġa immobbli jew ta' universalità ta' ħwejjeġ mobbli – sussegwentement l-istess qorti … tibbaża l-motivazzjoni tagħha fuq detenzjoni kif definit minn Torrente.
>
> »… … … Konsegwentement fis-sentenza hemm kontradizzjoni fejn l-onorabbli Qorti tal-Appell minn banda tgħid illi l-ewwel rekwiżit f'*actio manutentionis* huwa l-pussess u fl-istess ħin tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq detenzjoni (u mhux fuq pussess proprju), li hija applikabbli gall-*actio spolii*.«

*11.* Imkien ma tgħid is-sentenza attakkata li l-attriċi għandha biss detenzjoni u li din hija biżżejjed biex tirnexxi l-*actio manutentionis*. Tassew illi l-qorti erronjament irreferiet għal silta minn Torrente li tfisser x'inhi d-detenzjoni meta kellha tirreferi għas-silta minn Trabucchi li tfisser l-elementi tal-pussess. Iżda ma hemmx dubju illi l-qorti fehmet illi għall-*actio manutentionis* huwa meħtieġ il-pussess u mhux biss id-detenzjoni, u li fehmet ukoll illi l-istat ta' fatt kien wieħed ta' pussess u mhux ta' detenzjoni, kif wara kollox hija l-presunzjoni tal-liġi[2] fin-nuqqas ta' prova kuntrarja.

12. L-aggravju msejjes fuq l-art. 811(*i*), li fil-fehma tal-qorti huwa x'aktarx fieragħ, huwa għalhekk miċħud.

13. It-tieni aggravju huwa f'parti msejjes fuq il-paragrafi (*f*) u (*g*) – li s-sentenza ngħatat fuq ħaġa mhix imdaħħa fit-talba jew tat iżjed minn dak li ntalab – u f'parti fuq il-para. (*e*) – applikazzjoni tal-liġi ħażina.

---

[2] Art. 525(1), Kod. Ċiv.

14. Fl-ewwel parti tal-aggravju l-atturi jgħidu illi s-sentenza attakkata ngħatat fuq ħaġa mhix imdaħħa fit-talba jew tat iżjed minn dak li ntalab, għax is-sentenza appellata kienet ċaħdet it-talbiet tal-attriċi għax kienet tal-fehma li ma kellhiex pussess, u għalhekk ma qisitx l-elementi l-oħra tal-azzjoni, waqt illi s-sentenza attakkata, wara li sabet li kien hemm pussess, għaddiet biex tqis l-elementi l-oħra tal-azzjoni għalkemm ma kien hemm edba deċiżjoni fuq dawn fis-sentenza appellata.

15. It-"talba" fil-para. (*f*) u "dak li ntalab" fil-para (*g*) huma dak li ntalab fir-rikors maħluf li bih inbdiet l-kawża u fir-rikors tal-appell li bih inbeda l-appell. Is-sentenza attakkata ma tat xejn iżjed minn dak li ntalab fir-rikors maħluf, u meta dawk it-talbiet intlaqgħu bis-sentenza appellata b'hekk intlaqa' biss u xejn iżjed minn dak li ntalab fir-rikors tal-appell, *viz.* illi l-Qorti tal-Appell "tilqa' dan l-appell u tirrevoka, tħassar, u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi fis-7 ta' Jannar 2013 billi tilqa' it-talbiet attriċi kif dedotti u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti". Ma ngħata xejn iżjed minn hekk.

16. Lanqas ma hu minnu li l-qorti kellha "tbiddel is-sentenza" flok tħassarha. Id-deċiżjoni fis-sentenza appellata kienet li l-qorti "tiċħad it-talbiet tal-attriċi"; ma kienx hemm xi talba li ntlaqgħet u għalhekk dik il-parti tas-sentenza kellha tibqa' fis-seħħ u tinbidel il-bqija. Is-sentenza attakkata għalhekk għamlet sew li ħassret għalkollox is-sentenza appellata.

17. Il-konvenuti iżda jilmentaw ukoll illi b'hekk ġew "imneżża' mill-benefiċċju (u dritt) tagħhom tad-*doppio esame*". Igħidu illi:

> »Dan kollu jittramuta ruħu f'applikazzjoni ħażina tal-liġi għax għalkemm din l-onorabbli qorti kellha kull setgħa li tintrattjeni l-materja mqanqla fir-rikors t'appell tal-attrici, ma kellha l-ebda fakultà li tibqa' sejra bil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aspetti l-oħra tal-kawża, liema aspetti ma kinux jiffurmaw parti mis-sentenza appellata.
>
> »… … …
>
> »Il-fatt li din l-onorabbli qorti oltrepassat u ddeċidiet dwar aspetti oħra tal-vertenza (*i.e.* l-ingredjenti l-oħra tal-azzjoni li ma kienx hemm deċiżjoni dwarhom fl-ewwel grad) ifisser ukoll li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi għax minflok ma rrimandat l-atti processwali lura lill-ewwel qorti (biex ir-rimanenti rekwiżiti tal-azzjoni jiġu deċiżi) din l-onorabbli qorti għażlet li tibqa' tindaga u eventwalment tiddeċiedi fuq oġġetti li, bir-rispett kollu, ma kellha l-ebda saħħa ġurisdizzjonali li tinvestiga u temetti ġudizzju finali u definittiv dwarhom.«

18. Għalkemm jista' jkun għaqli li, f'ċirkostanzi bħal dawk tal-kawża tallum – fejn, għax tkun sabet li jonqos element wieħed tal-azzjoni, il-qorti tal-ewwel grad ma tkunx qieset l-elementi l-oħra tal-azzjoni – qorti tat-tieni grad tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex ikun hemm *doppio esame* ta' dawk l-elementi li l-ewwel qorti ma tkunx qieset, dan huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-qorti tat-tieni grad, kif jixhed, b'analoġija, l-art. 233 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li ma huwiex tassativ meta jelenka s-sitwazzjonijiet fejn il-Qorti tal-Appell għandha din id-diskrezzjoni li tiddeċiedi meritu mhux deċiż mill-ewwel qorti iżda għandu jiġi interpretat bil-prinċipju ta' *eiusdem generis*. Għalhekk ma ġiet applikata ebda liġi ħażina.

19. Imbagħad, fil-każ tallum, meta tqis illi din hija azzjoni possessorja li, meta nstema' u nqata' l-appell, kienet ġà ilha pendenti aktar minn għaxar snin, u meta l-elementi tal-azzjoni li dwarhom ma ngħatatx deċiżjoni mill-ewwel qorti kienu tant evidenti, il-Qorti tal-Appell kienet tkun għamlet inġustizzja kbira li kieku, flok qatgħet il-meritu, bagħtet l-atti lura lill-ewwel qorti, li kien inevitabilment iwassal għal aktar dewmien.

20. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

21. L-aħħar aggravju wkoll huwa msejjes fuq il-para. (*e*) – applikazzjoni tal-liġi ħażina – għax il-konvenuti jgħidu illi s-sentenza attakkata hija msejsa fuq konsiderazzjoniiet li jgħoddu għall *actio spolii* u mhux għall-*actio manutentionis*:

> »Illi jiġi rilevat illi l-onorabbli Qorti tal-Appell applikat il-liġi ħażin *stante* li hija arġinat l-argumenti u r-*ratio* taghha a bażi tal-artikolu 535 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, *ossia* l-provvediment rigwardanti l-*actio spolii*, iżda wara għaddiet biex tapplika l-artikolu 534 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, *ossia* l-provvediment rigwardanti l-*actio manutentionis*,
>
> »Ir-*ratio* addottat mill-Qorti tal-Appell kien kif isegwi:
>
> »(i) l-ewwel sostniet li ma kinetx taqbel mal-evalwazzjoni tal-fatti li ghamlet l-ewwel qorti;
>
> »(ii) sussegwentement u b'apprezzament żbaljat tal-fatti iddikjarat illi l-attriċi appellanti kienet is-sid tal-proprjetà in kwistjoni u bħala sid hija awtomatikament għandha l-pussess. Ara is-segwenti brani:
>
> > »"- Apparti l-kostatazzjonijiet legali ta' x'jikkostitwixxi pussess *ai fini* ta' din l-azzjoni, il-fatt li l-appellanti hija sid tal-proprjetà ma jfissirx li hija possessura tal-proprjetà in kwistjoni. …"
> >
> > »"- Hu x'inhu fii-każ odjern l-attriċi mhijiex inkwilina iżda s-sid u allura żgur li dan l-insenjament fir-rigward ma japplikax għaliha."
>
> »(iii) wara dan l-apprezzament żbaljat, hija għaddiet biex issostni illi l-attriċi appellanti bħala sid, dan l-istat ta' fatt huwa "mingħajr dubbju ta' xejn manifestazzjoni esterna ta' pussess";
>
> »(iv) sussegwentement hija tikklassifika l-pussess tal-appellanti bħala 'detenzjoni'. Infatti l-Qorti tal-Appell tikkonferma illi l-pussess tal-appellanti kien jammonta għal detenzjoni u dan meta … tirreferi għall-bran ċitat f'paġna 13 tat-Torrente, u tgħid kif isegwi: "Fil-fehma tat-qorti nġabu biżżejjed provi ii l-appellanti kellha l-pussess kif deskritt minn Torrente aktar qabel.«

22. Ġà rajna illi r-referenza għal Torrenti kienet żbaljata iżda ma tibdilx il-fatt illi l-qorti fehmet illi l-attriċi kellha pussess u mhux biss detenzjoni. Ukoll, jekk il-qorti għamlitx "apprezzament żbaljat" jew le ma huwiex relevanti f'dan l-istadju għax dan ma huwiex appell mill-appell.

23. Il-qorti qalet sew meta qalet illi l-fatt li l-attriċi hija sid ma jfissirx bilfors li għandha wkoll il-pussess, għax sid jista' jiġi spussessat, għalkemm għandu jingħad illi l-proprjetà toħloq presunzjoni ta' pussess bħal ma l-pusses joħloq presunzjoni ta' proprjetà sakemm ma jintweriex mod ieħor. Il-qorti mbagħad qalet li l-attriċi hija sid mhux inkwilina sempliċement biex tgħid illi dak li ngħad fis-sentenza ta' <u>Vella *v.* Boldarini</u> ma jgħoddx għall-każ tallum, u mhux biex tgħid illi l-attriċi għax sid mela għandha l-pussess. Il-qorti fil-fatt qagħdet attenta li tgħid illi ma kinitx qiegħda tiddeċiedi fuq kwistjonijiet ta' titolu, "għaliex mhux xogħol din il-qorti tagħmel din l-investigazzjoni f'kawża possessorja".

24. Il-konklużjoni tibqa' illi l-qorti b'deċiżjoni li ma hijiex sindakabbli f'dan l-istadju sabet bħala fatt illi l-attriċi kellha pussess u għalhekk kellha leġittimazzjoni attiva biex tmexxi bl-*actio manutentionis*: ma kien hemm ebda applikazzjoni ta' liġi ħażina.

25. Dan l-aggravju wkoll għalhekk huwa miċħud.

26. Inċidentalment, għandu jingħad illi r-referenza fis-sentenza attakkata għal <u>Vella *v.* Boldarini</u> kienet biss *obiter* tant li l-qorti stess qalet illi "dan l-insenjament fir-rigward ma japplikax għaliha" Madankollu biex ma jin-ħoloqx preċedent żbaljat – aktar u aktar billi l-qorti irreferiet għal dik il-kawża bħala *leading case* – tajjeb jingħad illi d-deċiżjoni f'<u>Vella *v.* Boldarini</u> hija żbaljata u ma għandhiex titqies bħala ġurisprudenza li tista' toqgħod fuqha. Ir-raġuni għal dan ġiet ampjament imfissra minn din il-qorti f'sentenza mogħtija fil-11 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet <u>Stacy Chircop *v.* Maria Spiteri</u> (rik. 362/2010) li s-silta relevanti minnha hija miġjuba hawn taħt:

»13. F'dan il-kuntest huwa tajjeb li l-qorti terġa' tieħu din l-okkażjoni biex tiċċara d-dubju li nħoloq fl-interpretazzjoni tal-art. 534 minħabba s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Ċivili) fl-24 ta' Frar 1967 fil-kawza fl-ismijiet Teresa Vella *v.* Mary Boldarini *et* ċitata mill-ewwel qorti. Il-konklużjoni f'dik is-sentenza hija mibnija fuq il-kliem li bihom jaghlaq l-art. 534: "basta li [l-attur] ma jkunx ħa b'idejh dak il-pussess mingħand il-konvenut bi vjolenza jew bil-moħbi, jew *ma jkunx kiseb mingħandu dak il-pussess b'titolu prekarju"*. Ir-raġunament hu li min iżomm b'titolu prekarju, bħal ma l-qorti fehmet (erronjament) li hu l-kiri, huwa miżmum milli jinqeda bl-*actio manutentionis* fil-każ biss li dak it-titolu jkun ġej mill-konvenut stess – *alter ab altero*; jekk it-titolu prekarju jkun ġej minn terzi ma jqumx l-ostakolu tal-prekarjetà tat-titolu tal-attur.

»14. Il-qorti kienet kompliet hekk:

> »"Fis-sistema tal-liġi taghna l-vizzju tal-prekarjetà … jeskludi l-azzjoni biss meta jkun rigward il-konvenut."

»15. Dan ir-raġunament ma huwiex korrett għax mibni fuq inter-pretazzjoni żbaljata ta' x'inhu "titolu prekarju". Fid-dottrina franċiża, titolu prekarju huwa t-titolu ta' min, bħal depożitarju jew kerrej, iżomm ħaġa mhux f'ismu iżda f'isem ħaddiehor. Iżda din ma hix it-tifsira li kellu l-prekarju fid-dritt roman – u l-*actio manutentionis* tagħna hija essenzjalment l-interdett *uti possidetis* tad-dritt roman – u lanqas ma hija t-tifsira li għandu "prekarju" fil-liġi tagħna: il-ligi stess taghti definizzjoni awtentika ta' prekarju fl-art. 1839 tal-Kodici Civili:

> »"Il-prekarju huwa l-istess kuntratt ta' self għall-użu [bħall-kommodat], iżda b'din id-differenza biss, illi dak li jislef il-ħaġa jibqa' fis-setgħa li jeħodha lura meta jrid."

»16. Jidher ċar għalhekk li "prekarju" fil-liġi tagħna ma għandhiex it-tifsira wiesgħa li għandha fid-dottrina franċiża[3].

»17. Din it-tifsira fil-liġi tagħna, li, kif għidna, hija l-istess tifsira ta' *precarium* fid-dritt roman[4], għażilha espressament il-leġislatur stess. Fin-noti tiegħu dwar l-art. 1882 tal-Ordinanza VII tal-1868[5], Sir Adriano Dingli jfisser għala nqeda bil-kliem "dawk li jżommu l-ħaġa f'isem ħaddieħor" flok il-kliem "dawk li jżommu l-ħaġa b'titolu prekarju", u jgħid hekk:

> »"non tengono la cosa come a loro appartenente" invece di "ritengono precariamente" perchè nel Codice francese è usata in quanto che, secondo la giurisprudenza francese, queste parole significano ogni detenzione in nome altrui, mentre secondo le

---

3 »"… … … en droit romain on ne considérait pas comme possesseurs précaires ceux qui possédaient pour autrui; on se servait, pour qualifier leur situation, d'expressions différentes: *corporaliter tenere, naturaliter possidere*. C'est par suite d'une extension, ou même, d'après certains auteurs, d'une confusion manifeste, que les glossateurs et les canonistes ont étendu l'expression de possesseurs précaires à tous ceux qui possèdent pour autrui et reconnaissent un domaine supérieur." Baudry-Lacantinerie & Tissier, *Traité Théorique et Pratique de Droit Civil*, Vol. XXVIII, *De la Prescription*, §267.«

4 »*precarium est quod precibus petenti utendum conceditur tamdiu quamdiu is qui concessit patitur* [D. 43, 26, 1, pr].«

5 »Illum art. 2118 tal-Kodiċi Ċivili.«

> nostre idee tolte dal diritto romano significano soltanto una detenzione a piacere del proprietario."

»18. Dan għandu jkun biżżejjed biex ineħħi kull dubju.«

27. Dan kollu qiegħed jingħad *obiter* u ma għandu ebda effett fuq is-sentenza attakkata, billi, kif ġà ingħad, ir-referenza għal Vella *v.* Boldarini kienet ukoll espressament *obiter* f'dik is-sentenza u b'ebda mod determinanti għad-deċiżjoni. Madankollu din il-qorti hija tal-fehma li kien għaqli li l-kwistjoni tiġi iċċarata sabiex ma jinħolqux preċedenti żbaljati.

28. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talba għat-tħassir tas-sentenza attakkata u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell.

29. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom il-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm